Kenneth Grima

# "THE MASTER OF BALLANTRAE"

Errol Flynn – attur tal-films Amerikan imwieled l-Awstralja fl-1909. Żgur li l-ġenerazzjoni tiegħi bilkemm nafu bih. Imma attur famuż ta' Hollywood ta' wara t-Tieni Gwerra Dinjija x'għandu x'jaqsam man-Nadur?

La semmejt attur partikolari The Master of Ballantrae huwa film li ħareġ fl-Istati Uniti fil-5 t'Awwissu 1953, produzzjoni tal-Warner Brothers.

Huwa film ta' siegħa u nofs ibbażat fuq novella ta' Robert Louis Stevenson ambjentat fis-sena 1745 ġewwa l-Iskozja.

Ġara li dik is-sena kien hemm ribelljoni mmexxija minn Charles Edward Stuart sabiex jerġa' jieħu lura t-tron Brittaniku f'idejh u f'idejn familtu, il-House of Stuart. Dan il-film jittratta dwar żewġ aħwa nobbli Skoċċiżi Jamie Durie u Henry Durie, li kienu fil-fatt interpretati mill-atturi Errol Flynn u Anthony Steel rispettivament. L-avukat tal-familja, biex insejħulu hekk, irrikmanda lill-familja Durrisdeer biex wieħed mill-aħwa jżomm mal-Familja Rjali u l-ieħor jingħaqad mar-ribelli. Hekk jirbaħ min jirbaħ il-familja Durrisdeer toħroġ rebbieħa magħhom u allura kemm l-istatus u kemm il-propjetà tal-familja ma jintmessux. Kien Jamie (Errol Flynn) li ngħaqad mar-ribelli, iżda dan ir-ribell falla. Riżultat ta' hekk Jamie u sieħbu l-Kurunell Irlandiż Francis Burke, il-karattru maħdum mill-attur Roger Livesey, telqu lejn il-West Indies, il-Karibew, fejn sabu ruħhom abbord bastiment tal-pirati. Ma' xulxin, l-atturi Errol Flynn u Roger Livesey, għaddew minn ħafna avventuri fuq il-baħar.



L-attur Errol Flynn circa 1952. Sors: www.theerrolflynnblog.com

Fost il-lokalitajiet tal-ġbid ta' xeni mill-film insibu Watergate Bay f'Cornwall ġewwa l-Ingilterra, Eilean Donan Castle ġewwa Highland l-Iskozja u Palermo fi Sqallija.

Il-produzzjoni Warner Brothers kellhom bżonn xi extras b'passaport Ingliż għal ġbid tax-xeni f'Palermo. Malta kienet tajjeb għal dan ix-xogħol – hija relattivament qrib Palermo u dak iż-żmien ċittadini Maltin awtomatikament kellhom passaport Ingliż. L-extras Maltin li jintbagħtu Palermo kellhom ikunu jafu x-xogħol tradizzjonali tal-qlugħ. Jiġifieri dawn l-extras, apparti karattri fil-film, riedu fil-verità jkunu baħrin li fil-karriera tagħhom siefru fuq bastimenti tal-qlugħ.

L-aġenti Messrs. Gibbons and Jones, li l-uffiċċji tagħhom kienu l-Marsa, ġew avviċinati biex iqabbdu n-nies għal dan il-kuntratt. Iżda li jsibu nies bl-għarfien u esperjenza tal-qlugħ minn Malta rriżulta kemxejn diffiċli. Għalkemm kien għad hawn xi skejjen tal-qlugħ isiefru sat-Tieni Gwerra Dinjija u wara, ma kinux ħafna n-nies li ħadmu fuqhom u l-maġġoranza tagħhom kienu Għawdxin, min-Nadur u minn Għajnsielem. Il-kelma ġriet u f'kemm ilni ngħidlek inkitbu disgħa min-Nadur u erba' baħrin minn Għajnsielem. Jiġifieri minn erbgħa u għoxrin baħri li kien hemm bżonn intgħażlu tlettax-il baħri Għawdxi. Bir-raġun li t-Times of Malta dak iż-żmien irrapportat "Gozo came to the rescue"!

Dawn in-nies kellhom jarmaw u jieħdu ħsieb żewġ bastimenti tal-qlugħ. Dawn kien jisimhom **Lady Wanewar** u **Miss Burbank** – żewġ bastimenti li sidhom kienet il-kumpanija *Warner Brothers* stess! Il-**Lady Wanewar** kien il-bastiment il-kbir u abbord ħa ekwipaġġ ta' tmintax-il ruħ filwaqt li l-bastiment iż-żgħir, **Miss Burbank**, kellu għaxra min-nies inkluż il-Kaptan. Il-**Lady Wanewar** kien bark tal-qlugħ bi tliet arbli u kien iġib tunellaġġ gross ta' 307. Mill-banda l-oħra **Miss Burbank** kien ilaħħaq il-116-il tunellata. Iż-żewġ bastimenti kienu jtajru r-*Red Ensign* (il-bandiera Ingliża tal-*Merchant Navy*) u kienu rreġistrati Londra.



Il-Lady Wanewar fuq il-baħar bil-qlugħ kollu miftuħ. Sors: www.worthpoint.com

Il-**Lady Wanewar** inbena għall-ħabta tal-1913 fi Franza. Il-*Warner Bros.* xtrawh fis-sajf tal-1952 u għamlulu xi tibdiliet sabiex ikun jixbah lil xi bastiment tal-pirati kemm jista' jkun u b'hekk jużawh għall-films. Kien bastiment robust, sabiħ u li jolqot l-għajn. Apparti tibdiliet u arranġamenti strutturali, il-**Lady Wanewar** għamlulu

l-kanuni mal-ġnub tiegħu. Interessanti li l-*windlass* (il-makkinarju li jtella' u jniżżel l-ankra) biddluhulu u minflok tpoġġiet magna Ford V8. Sfortunatament ma rnexxieli nsib l-ebda informazzjoni dwar il-**Miss Burbank** ħlief li nbniet fis-sena 1922.

Tistaqsu, allura min kienu dawn il-baħrin min-Nadur u x'kien xogħolhom abbord? Din hija l-lista li sibt mill-*Articles of Agreement* taż-żewġ bastimenti.

1. **Joseph Mifsud** – Ġużepp **ta' Ġejġa** – ta' 59 sena u li kien iċ-*Chief Mate* tal-**Lady Wanewar**, *second-in-command* tal-bastiment. Kellu paga ta' 45 lira fix-xahar.
2. **Angelo (Anġlu) Meilak** – **Ir-Romp** – ta' 25 sena. Kien il-*Bosun* tal-**Lady Wanewar** b'paga ta' 40 lira fix-xahar.
3. **Salvu Magro** – **Salvu tan-Namuri** – ta' 53 sena, il-*Bosun* tal-**Miss Burbank**. Paga ta' 40 lira fix-xahar.
4. **Paul Xuereb** – **Pawlu ta' Buħamsa** – ta' 53 sena. *A.B. (Able Bodied Seaman)* mal-**Lady Wanewar**. Kellu paga ta' 25 lira fix-xahar.
5. **Joseph Ellul** – Ġużepp **ta' Luċija** – ta' 34 sena. *A.B.* abbord **Lady Wanewar**, paga ta' 25 lira fix-xahar.
6. **Pasquale Grima** – **Baskal tal-Kiela** – ta' 30 sena. *A.B.* abbord **Lady Wanewar**, paga ta' 25 lira fix-xahar. Għalkemm Baskal kien minn Għajnsielem, huwa kien miżżewweġ u joqgħod in-Nadur.
7. **Francis (Frenċu) Tabone** – **Il-Barbaġann** – ta' 61 sena. *A.B.* abbord **Miss Burbank**, b'paga ta' 25 lira fix-xahar.
8. **Emanuel Camilleri** – **Leli ta' Belinja** – ta' 33 sena. *S.O.S. (Senior Ordinary Seaman)* abbord **Miss Burbank**, paga ta' 20 lira fix-xahar.
9. **Michael Buttigieg** – **Kieli tal-Bekkis** – ta' 27 sena. *S.O.S.* abbord **Miss Burbank** b'paga ta' 20 lira fix-xahar.
10. **Nazzareno Vella** – **Żarenu tal-Bekkis** – ta' 22 sena. Kien *Assistant Steward* (wejter) abbord il-**Lady Wanewar**. Żarenu kellu paga ta' 16-il lira 13-il xelin u 8 soldi fix-xahar.

Biex inkun semmejt lill-Għawdxin kollha, apparti Baskal Grima illi ġa semmejtu, il-baħrin minn Għajnsielem kienu:

1. **Loretu Xuereb** – **Loretu tal-Megrix** – ta' 20 sena. *S.O.S.* fuq il-**Lady Wanewar**. Kellu paga ta' 20 lira fix-xahar.
2. **Joseph Costa** – Ġuż**epp tal-Kewba** – ta' 18-il sena. *J.O.S. (Junior Ordinary Seaman)* mal-**Lady Wanewar** b'paga ta' 16-il lira 13-il xelin u 4 soldi fix-xahar.
3. **Francis Costa** – **Frenċu tan-Nemsa** – ta' 17-il sena. *J.O.S.* abbord il-**Lady Wanewar** bl-istess paga bħal Ġużepp.

L-ewwel grupp ta' sbatax-il baħri li telqu minn Malta siefru bl-ajru lejn Ruma nhar il-Ħamis 30 ta' Lulju 1952. Is-seba' ekwipaġġ li kien baqa' siefru bl-ajruplan l-għada, nhar il-Ġimgħa l-1 t'Awwissu 1952. Minn Ruma dawn l-24 persuna marru l-port ta' Napli fejn imbarkaw dawn iż-żewġ bastimenti tal-qlugħ.



Baskal Grima u Salvu Magro jixxabbtu lebsin ta' pirati. Ritratt ħajr lil Michael Grima, iben Baskal.

Mill-port, fit-2 t'Awwissu, iż-żewġ bastimenti salpaw u daħlu fil-gżira ta' Ischia li hija gżira żgħira fin-naħa ta' barra tal-golf ta' Napli (id-daħla ta' Napli). Hawnhekk fil-5 t'Awwissu il-**Miss Burbank** imbarkat żewġ baħrin u l-**Lady Wanewar** ħadet *Second Officer* u *Assistant Engineer*, kollha Taljani.

Il-Kaptan tal-**Lady Wanewar** kien Salvu Grech, ta' 52 sena, mill-Marsa u li kien magħruf bħala Kaptan Salv. Tnejn minn ħutu kienu joqgħodu Għajnsielem. Il-Kaptan tal-**Miss Burbank** kien ċertu Joseph Taylor, Ingliż ta' 38 sena u li kien joqgħod San Pawl il-Baħar.

Minn Ischia komplew il-vjaġġ tagħhom lejn Palermo fi Sqallija. Il-**Lady Wanewar**, il-bastiment il-kbir, għamilha f'jumejn u wasal fis-7 t'Awwissu iżda il-**Miss Burbank** ħa tlett ijiem aktar u għalhekk wasal Palermo fl-10 t'Awwissu 1952.

Hawnhekk beda l-ġbid tal-film. Sfortunatament minn dawn it-tlettax-il baħri Għawdxi ma baqa' ħadd magħna llum u għalhekk ma nistax nagħti rapport dettaljat ta' x'ġara. Iżda t-Tabib Salvino Galea, li zijuh Ġużepp Mifsud (ta' Ġejġa) kien iċ-*Chief Mate* tal-**Lady Wanewar**, jiftakru jgħid li kemm-il darba kienu joħorġu jixorbu l-birra ma' Errol Flynn!

Kif jixhed dan l-ewwel ritratt, apparti xogħolhom ta' baħrin dawn in-nies ħadu sehem bħala *extras*, fejn libsu kostumi ta' pirati. Hawnhekk naraw lil Baskal Grima tal-Kiela (ta' fuq) u Salvu Magro tan-Namuri (t'isfel) jixxabbtu

mal-ħbula tal-bastiment. Huma lebsin ta' pirati – Baskal jinsab ħafi, b'sidrija miftuħa, xorts imqatta' u qisu turban ma' rasu u l-ieħor għandu terħa ma' qaddu bix-xabla jew stallett imdaħħal fih. Ninnutaw ukoll b'liema kunfidenza jinsabu mdendlin, dak iż-żmien mingħajr *safety harness*, speċjalment Baskal li anki ppoża tajjeb għar-ritratt!



Grupp ta' għaxar baħrin li kellhom parti fil-film The Master of Ballantrae. Ritratt ħajr lil Mary Grech u Sammy Buttigieg, tfal ta' Mikieli Buttigieg tal-Bekkis.

It-tieni ritratt juri parti mill-grupp tal-baħrin li ħadu sehem fil-film. Minn dawn l-għaxar baħrin li jidhru rnexxielna ngħarfu xi ftit minnhom. Anġlu Meilak ir-Romp (l-ewwel mil-lemin) u Mikieli Buttiġieġ tal-Bekkis (it-tieni mil-lemin, bil-beritta) qegħdin fejn xulxin fuq il-lemin tat-tieni ringiela minn quddiem. Baskal Grima tal-Kiela qiegħed bilqiegħda b'beritta fuq quddiem nett l-ewwel wieħed mix-xellug. Maġenbu fir-ringiela ta' quddiem, aktarx (mhux konfermat) li hemm bilqiegħda Ġużepp Costa tal-Kewba minn Għajnsielem. Eżatt wara Baskal bil-beritta wkoll u b'idejh marbutin hemm Loretu Xuereb tal-Megrix minn Għajnsielem. Maġenb Loretu hemm tlieta qishom qed iserrħu fuq xulxin. **Għalkemm ma sibtx konferma eżatta**, dak li qiegħed fuq wara aktarx li huwa Ġużepp Ellul ta' Luċija, tan-nofs mhux maghruf u li qiegħed quddiemu aktarx li huwa Żarenu Vella tal-Bekkis. Napprezza ħafna li tavviċinawni jekk xi ħadd jagħraf lil xi wħud minn dawn il-baħrin fir-ritratt.

Ta' min jgħid li Mikieli Buttigieg tal-Bekkis kellu x-xorti li jġib miegħu x-xabla li uża' fil-film Errol Flynn innifsu. Marbutin ma' din ix-xabla hemm ħafna stejjer u rakkonti li sfortunatament ma sirniex nafuhom għax laħaq għadda ż-żmien. M'għandix dubju li Kieli tal-Bekkis għożżha tul ħajtu kollha!

*(Nirringrazzja lit-Tabib Salvino Galea, li kien hu li għarrafni bl-istorja ta' dan il-film, lil Pietru Farrugia tat-Tabibu, lil Sammy Buttigieg u Mary Grech tfal ta' Kieli tal-Bekkis, lil Michael Grima iben Baskal Grima tal-Kiela (Awstralja), lil Martinu Vella ta' Fatti (ix-Xalatur), lil Joe Farrugia, lil Ninu Refalo ex-Pilot (Għajnsielem), lis-Sur Jean Pierre Borg u lil dawk il-ħafna nies illi b'xi mod jew b'ieħor kienu ta' għajnuna f'dan l-artiklu.)*

MALTA BAKE SHOP
Charles & Antoinette Buttigieg
Jixtiequ jawguraw il-festa t-tajba lill-poplu Naduri kollu!
3256 Dundas Street, West Toronto, Canada Tel: (416) 769-2174

BERNANDY SUPERMARKET
Your Shop - Your Choice
Pjazza Dan Martin Camilleri - Nadur - Gozo Tel: 2156 5546